**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 11 ta' Novembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**

**vs**

**Abdikarim Isman Omar**
**Mustafa Aseyr Ahmed**
**Mahad Ahmed Abdullahi**

**Kumpilazzjoni Nru: 603/2020**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija:-

Abdikarim Isman Omar, ta' 24 sena, iben Isman Omar Ismael u Halima Tahir nee' Dahar, imwieled Somalja nhar l-1 ta' Jannar 1996, mingħajr residenza fissa, detentur tal-karta tal-Identita' Malitija bin-numru 119662(A) u Numru tar-Ref. Com 16373-13;

U

Mustafa Aseyr Ahmed, ta' 24 sena, iben Asir Ahmed u Sadia nee' Isa, imwieled Somalja nhar l-1 ta' Jannar 1996, mingħajr residenza fissa, detentur tal-karta tal-Identita' Malitija bin-numru 129203(A);

U

Mahad Ahmed Abdullahi, ta' 26 sena, iben Ahmed Abdullahi u Ader Dahir nee' Hirfi, imwieled Somalja nhar l-1 t'April 1994, mingħajr residenza fissa, detentur tal-karta tal-Identita' Malitija bin-numru 112056(A).

Akkuzati talli:-

Nhar il-wieħed u għoxrin (21) t' Ottubru 2020 għall-ħabta ta' bejn it-tlieta ta' filgħodu (03:00Hrs) u t-tlieta u Nofs ta' filgħodu (03:30Hrs), fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan:

Ikkommettew serq ta' oġġetti u flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Zsolt Farkas ID 176643A liema serq huwa ikkwalifikat bil-'vjolenza', bil-'valur' li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-'ħin' skond l-artikoli 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(2), 267, 270, 274(c), 275, 277(a), 279(a), 280 (2), tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, zammu jew issekwestraw lil Zsolt Farkas ID 176643A kontra l-volonta' tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra u/jew biex ikun mġiegħel jaccetta li jagħmel xi trasferiment ta ħwejjġu skond l-Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Zsolt Farkas ID 176643A liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Gorgi Portelli detentur ta' numru tar-registru mediku 4287 tal-Isptar Mater Dei skond l-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta Police.

Lil Abdikarim Isman Omar waħdu:

Talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Lil Mustafa Aseyr Ahmed waħdu:

Talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza li minnha ġie illiberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat iehor fi żmien tlett snin mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Magistrat Dr. Joe Mifsud LL.D, datata 20 ta' Ġunju 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Lil Mahad Ahmed Abdullahi:

Talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, hedded bil-ġebel lil Zsolt Farkas detentur tal-karta tal-identita bin-numru 176643A skond l-Artikolu 339 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta’ ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li f’l-udjenza mizmuma illum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat d-dokumenti esebieti.

Semeghtet iot-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijet migjuba kontra taghhaom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati kull wiehed mill-imputati, u l-fedina penali ta’ kull wiehed minnhom. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-artikoli 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(2), 267 u 270, l-artikoli 86 u 87(1)(c)(e), l-artikolu 221 u l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  ssib lill-imputat **Abdikarim Isman Omar** hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **erbgha snin prigunerija**.

Wara li rat l-artikoli 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(2), 267 u 270, l-artikoli 86 u 87(1)(c)(e), l-artikolu 221 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat **Mustafa Aseyr Ahmed** hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u

tikkundannah **erbgha snin prigunerija**. Il-Qorti taghzel li titrattax mieghu ghar-reati li taghhom kien instab hati f'l-20 ta' Gunju 2019.

Wara li rat l-artikoli 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(2), 267 u 270, l-artikoli 86 u 87(1)(c)(e), l-artikolu 221 u l-artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Mahad Ahmed Abdullahi** hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **tlett snin prigunerija.**

In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 532° TAL-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil kull wiehed mill-imputati biex ihallas lill-parte leza Zsolt Farkas is-somma ta' mija hamsa u sittin Euro (€165).

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**